**Laqgha Numru 06/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Is-Sitt Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 23 ta’ Frar 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Joe Brincat kien skuzat. **(Ara dok. A)**

Qabel bdiet il-laqgha, is-Sindku Joe Zammit zamm ftit skiet b’rispett lejn it-telfa ta’ missier il-Kunsillier Joe Brincat.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta’ qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-15 ta’ Frar 2011. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 02/K6/2011.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K6/2011.**
- **03. Approvazzjoni tal-Minuti 03/K6/2011.**
- **04. Punti li johorgu mill-Minuti 03/K6/2011.**
- **05. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha tal-lokalita’ 2011.**
- **06. Punti li johorgu mill-Minuti tal-laqgha tal-lokalita’ 2011.**
- **07. Approvazzjoni tal-Minuti 04/K6/2011.**
- **08. Punti li johorgu mill-Minuti 04/K6/2011.**
- **09. Approvazzjoni tal-Minuti 05/K6/2011.**
- **10. Punti li johorgu mill-Minuti 05/K6/2011.**
- **11. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.**
- **12. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **13. Mistoqsijiet.**
- **14. Korrispondenza.**
- **15. Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC.**
- **16. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **17. Tender tal-Handyman 01/2009 li jiskadi 28/02/2011.**
- **18. Estenzjoni tal-kuntratti ma’ GreenPak.**

19. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**

20. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 02/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 02/K6/2011 kifipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K6/2011.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2011 item 2.01, ghall-Minuti 23/K6/2010 item 2.08, u ghall-Minuti 21/K6/2010 item 15.37 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill ittella' grupp ta' tfal Wales f'Mejju 2011 ghac-cerimonja tal-Mayor Making, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li x-xoghol fuq din l-inizjattiva ser jibda fil-gimghat li gejjien vis-a-vis l'issa l-Kunsill ghandu l-Bye Law ghal dawn it-tip t'attivitajiet b'sehh mill-24 ta' Jannar 2011, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tintbghat ittra lill-Kunsill ta' Pembroke Wales fejn jigu nfurmata bl-idea tal-Kunsill kif ukoll biex jaghtuna nformazzjoni fuq prezz ta' lodging kif ukoll prezz ta' trasport mill-airport ta' Bristol jew l-eqreb u dan biex wara isir il-prezz.

2.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li l-Kunsill huwa nfurmat li l-Kunsillier Aden Brinn, issa huwa Sindku ta' Pembroke Wales u qal li ghalhekk ikun tajjeb jekk tinbeda issa din l-inizjattiva.

2.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7553/10/I**
26/11/2010

Email minghand il-Programm Hadd Ghalik jitolbu l-ghanjuna tal-Kunsill sabiex jigbru grupp ta' nies mill-lokal sabiex ikunu bhala udjenza u jekk isir dan, il-produzzjoni jkunu lesti li jaghtu prominenza lill-lokal.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2011 item 2.05, ghall-Minuti 23/K6/2010 item 8.61 u ghall-korrispondenza numru **46/7553/10/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li titqassam cirkulari biex min irid jiehu sehem japplika mal-Kunsill u l-Kunsill jipprovdi t-trasport bi hlas bhala attivita' socjo-kulturali, u s-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li xoghol fuq din l-inizjattiva ser jibda fil-gimghat li gejjien vis-a-vis l'issa l-Kunsill ghandu l-Bye Law ghal dawn it-tip t'attivitajiet b'sehh mill-24 ta' Jannar 2011, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l'issa l-Kunsill ghandu l-bye-law, ghandha ssir din ic-cirkulari.

2.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2011 item 2.07 u ghall-Minuti 23/K6/2010 item 13.04 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet talbet li tara 'itimised bill' tal-kontijiet tat-telefon ta' dawn l-ahhar tlett xhur, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja tal-kontijiet tan-numri 21372111, 21372468, 21372555, 27013046 **(Ara dok. B u C)** ghall-perjodu Ottubru sa Dicembru 2010 kif ukoll tan-numru 79372111 u 79372555 **(Ara dok. D u E)** ghall-perjodu ta' Ottubru 2010. Il-kelliem

qal li dwar in-numri 79372111 u 79372555, dawn ser jigu provduti meta jkun disponibbli minghand il-kumpanija Mobisle Communications Ltd.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2011 item 2.15 u ghall-Minuti 23/K6/2010 item 14.01 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal qtugh ta' palm infettat kif ukoll kien qal li ser issir site plan u ritratti tal-palm kollu li hemm bzonn, is-Sindku Joe Zammit qal li dan ser issir fil-jiem li gejjien flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn ser iduru l-palmi nfettati u jittiehdu ritratti u jipproponi biex wara tohrog is-sejha ghal servizz ta' qtugh tal-palm marid. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu ukoll jitlob il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex isir uzu mill-fondi ring fenced ghal dan ix-xoghol.

2.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa jekk it-tender huwiex ser jinhareg qabel jew wara li tasal ir-risposta tad-Dipartiment u dan minhabba li d-Dipartiment ser jitlob lill-Kunsill stima tax-xoghol involut. Il-kelliem staqsa wkoll li jekk kemm il-darba ser tinhareg tender kemm ser tkun il-mizata u l-Garanzija Bankarja mitluba.

2.11. Is-Sindku Joe Zammit zied mal-proposta tieghu li ghandu jinhareg it-tender ghall-mizata ta' €50 u l-Garanzija Bankarja tkun ibbazata fuq nefqa ta' €4,600.

2.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta kif emendata

2.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li kull fejn tinqata' palma marida ghandha tithawwel wahda gdida u ghalhekk ippropniet li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet ghal thawwil ta' palm.

2.15. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.17. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa x'qies ta' palm kien qed jahseb il-Kunsill.

2.18. Wara diskussjoni li kien hemm il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li l-Kunsill jikkomunika mas-sur Charles Theuma ghall-parir tekniku tieghu.

2.19. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2011 item 2.16 u ghall-Minuti 23/K6/2010 item 14.16 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill ghandu jaghmel lezzjonijiet ta' etika, u fejn is-Sindku Joe Zammit kien talab lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat sabiex taghti aktar taghrif fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill, il-kelliema qalet li ser tipprova ssib persuna li tkun kapaci ghal dan ix-xoghol. Fid-dawl ta' dan il-kelliema pproponiet ukoll li l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti biex jorganizza korsijiet tal-kompjuter (computer awareness u l-modules kollha ta' l-ECDL), korsijiet ta' Health & Safety, korsijiet ta' First Aid u korsijiet tal-krafts kif kien talab il-Kunsill fis-snin li ghaddew.

2.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Kunsill jistaqsi lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk huwiex possibbli li jekk ikun hemm dhul zejjed minn xi korsijiet, l-istess dhul ikun uzat biex titnaqqas il-mizata ta' xi korsijiet ohra.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 03/K6/2011.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 03/K6/2011 kif pprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.03. Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava astjena minhabba li ma kienx prezenti.

3.04. Il-Minuti gew approvata.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 03/K6/2011.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti u ghadda ghall-item li kien imiss.

## 05. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha tal-lokalita' 2011.

5.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Lokalita' 2011 kif ipprezentati. **(Ara dok. F)**

5.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li filwaqt li qablet mal-Minuti kienet kontra l-approvazzjoni tar-rapport ta' hidma anness ma' l-istess Minuti, liema rapport kien thejja mis-Sindku Joe Zammit minhabba li qalet li hija thoss li fih hafna kummenti li m'humiex minnhom.

## 06. Punti li johorgu mill-Minuti tal-laqgha tal-lokalita' 2011.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li kienet inghatat twegiba b'informazzjoni fuq kull item jew mistoqsija kull fejn giet mitluba, lil kull min kien prezenti fil-laqgha tal-lokalita'.

## 07. Approvazzjoni tal-Minuti 04/K6/2011.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 04/K6/2011 kif ipprezentati.

7.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

7.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

7.04. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur.

7.05. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 08. Punti li johorgu mill-Minuti 04/K6/2011.

8.01. B'riferenza ghall-Minuti 04/K6/2011 item 1.01 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li ghal kull laqgha tal-Kunsill tibda tinghata kopja tad-dokumenti kollha relatata printjati, is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghall-Memo 1/2010 **(Ara dok. G)** mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'effett immedjat minn dik id-data, la darba kull Kunsillier kien inghata s-servizz ta' email mill-Gvern, kien indikat li kull korrispondenza, inkluz l-agenda, cedola ta' pagamenti, kopji ta' ittri ecc, ghandha tintbaghat lill-Kunsilliera kollha permezz tal-email kif ukoll li m'ghandhomx jigu uzati l-ebda karti, kopji jew posta ghal dan il-ghan.

8.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-Memo imkien ma tghid li waqt il-laqgha l-Kunsilliera m'ghandhomx jinghataw kopja tad-dokumenti biex isegwu dak li jkun qed jigu diskuss, u ghalhekk sostniet li hija ghandha tinghata kopja.

8.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irreferiet ghall-korrispondenza li l-Kunsill kien ircieva minghand Ms. Cynthia Misokova lura fid-9 ta' Gunju 2010 dwar l-Allowance lill-Kunsilliera fejn qalet li fl-istess ittra hemm struzzjonijiet li l-Allowance lill-Kunsilliera ghandha tinghata xorta wahda, struzzjoni li ma gietx segwita. Il-kelliema rrimarkat ukoll li ma taqbilx ma' l-istruzzjonijiet mahruga mis-Sindku biex ma jsirux telefonati ta' kuljum lill-Kunsilliera u ghalhekk ipproponiet li l-istaff tal-Kunsill, ta' kuljum ghandu jikkomunika mal-membri tal-Kunsill biex jigu nfurmata bil-laqghat li jkun ser ikun hemm. Il-kelliema qalet li l-Kunsill, fil-jiem li ghadew, lill-membri tas-Sotto Kumitat ta' l-Ambjent fakkarhom fil-laqgha li kien ser ikollhom, izda lill-Kunsilliera le.

8.04. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel kjarifika fejn qal li wara l-ittra (46/3769/10/I) li qed taghmel riferenza ghaliha l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, kien hemm korrispondenza kemm qabel kif ukoll wara dwar diversi punti mqajma fejn fosthom kien hemm l-obbligu li kull membru tal-Kunsill, qabel jinghata l-Allowance ghandu jimla l-formola ta' l-FS4. Il-kelliem qal li peress li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qatt ma kkompilat din il-formola, il-hlas qatt ma hareg u baqa' mizmum. Il-kelliem qal li l-oggezzjoni jidher li kienet ghall-fatt li huwa staqsa direzzjoni minghand id-Dipartiment dwar jekk wara l-gheluq ta' sena finanzjarja, Kunsillier ikun ghadx ghandu dritt li jitlob l-allowance tas-snin ta' qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li dan sar fid-dawl li kien talab lill-Accountant biex taghmel provision ghal dan fl-accounts tal-Kunsill.

8.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li dak li qed jinghad ghaliha huma hmerijiet u kien hela ta' hin li rega' sar komunikat mad-Dipartiment meta diga kien hemm twegiba minghand Ms. Misokova.

8.07. Il-mozzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex isiru telefonati lill-Kunsilliera ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw favur filwaqt li s-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw kontra.

8.08. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota kontra.

8.09. Il-mozzjoni m'ghaddietx.

8.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li ladarba kull Kunsillier kien jircievi email mill-Kunsill bil-lista tal-laqghat kollha, ma jarax ghala ghandu kull filghodu joqghodu jsiru telefonati

lill-Kunsilliera biex ifakruhom fil-laqghat. Il-kelliem qal li kien huwa li bhal ma kien ta struzzjonijiet biex isiru t-telefonati, issa ta' struzzjonijiet biex dawn jitwaqfu. Il-kelliem qal li mhux sewwa li bhal ma sar fl-imghoddi jekk il-membri tal-Kunsill ma jiftakrux f'xi laqgha, jehlu l-istaff u jispiccaw jigu mcanfra l-istaff stess bhal ma gieli ghamel huwa stess. Fid-dawl ta' dan ukoll il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jistaqsi lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk din il-mozzjoni tiksirx xi drittijiet li ghandhom il-Kunsilliera.

8.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li huwa mportanti li d-Dipartiment ikun infurmat li lill-membri tas-Sotto Kumitat ta' l-ambjent saru telefonati u kienet qed tqis din bhala diskrimanazzjoni mal-Kunsilliera.

## 09. Approvazzjoni tal-Minuti 05/K6/2011.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 05/K6/2011 kifipprezentati.

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

9.04. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur.

9.05. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 10. Punti li johorgu mill-Minuti 05/K6/2011.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti u ghadda ghall-item li kien imiss.

## 11. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 05/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-MITC **(Ara dok. H); Internal Memo 06/2011** b'rapport dwar laqgha li saret dwar il-holqien ta' suq etniku **(Ara dok. I); Internal Memo 07/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Overseas RUFC **(Ara dok. J); Internal Memo 08/2011** b'rapport tal-laqgha li saret mad-Dipartiment ta' l-Artijiet u l-AFM **(Ara dok. K); Internal Memo 09/2011** b'rapport dwar kwotazzjonijiet 01/2011 – Servizz ta' Photocopying **(Ara dok. L); Internal Memo 10/2011** b'rapport dwar kwotazzjonijiet 02/2011 – Provvista ta' hadid **(Ara dok. M); Internal Memo 11/2011** b'rapport ta' entitajiet finanzjarja li gew avvicinata ghall-facilita' ta' Bridge Loan **(Ara dok. N); Internal Memo 12/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' TM dwar il-progett tal-Park & Ride **(Ara dok. O); Internal Memo 13/2011** b'rapport taz-zjara li saret fil-Verdala International School **(Ara dok. P); Internal Memo 14/2011** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Pembroke Athleta – Sezzjoni Atletika **(Ara dok. Q); Internal Memo 15/2011** b'rapport tal-laqgha li saret mal-PPCD **(Ara dok. R); Internal Memo 16/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 02/K6/2011 u 06/K6/2011 **(Ara dok. S); Internal Memo 17//2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha

02/K6/2011 u 06/K6/2011 **(Ara dok. T) u Internal Memo 18/2011** b'rapport tal-proposti li ser jitresqu lil TM dwar il-progett tal-Park & Ride. **(Ara dok. U)**

11.02. B'riferenza ghall-Internal Memo 18/2011, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova li l-kontenut taghha tintbaghat lil TM kemm jista' jkun malajr fid-dawl tal-laqgha li ser issir maghhom nhar l-Erbgha 2 ta' Marzu 2011.

11.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-internal memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

12.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-laqgha tal-Advisory Board ta' l-ECAD gewwa Cork, huwa kien ressaq ghall-attenzjoni tal-membri ta' l-Ezekuttiv il-kwistjoni tal-hlas tal-membership tal-membri Maltin u li ghas-sena 2011 u 2012 ghandha tibqa' ta' €200. Il-kelliem informa wkoll lill-Kunsill, li Pembroke, bhala r-rapprezentant tal-membri Maltin, kien ser jikteb ittra ndirizzata lill-Kummissarju Malti s-Sur John Dalli biex jiltaqa' mad-dirigenti ta' l-ECAD. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din l-inizjattiva. Finalment il-kelliem informa lill-Kunsilliera li l-hlas kollu konness ma' din il-laqgha kien sar personalment minnhu u ma thallas xejn mill-Kunsill kif ukoll li waqt iz-zjara kien ipprezenta ktieb ta' Pembroke lis-Sindku ta' Cork.

12.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

12.05. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur.

12.06. Il-mozzjoni ghaddiet.

12.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li waqt li s-Sindku Joe Zammit kien Cork, jirrizulta li dan ipprezenta ktieb dwar il-lokal li gie ppubblikat mill-Kunsill Lokali Pembroke u talbet li l-Kunsill jistaqsi lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk dan setax isir jew le minghajr ma qabel intalab il-permess tal-Kunsill.

12.08. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kemm huwa kif ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava, kienu pprezentaw l-affidavit kif mitlub mill-Bord ta' l-Appell dwar il-kaz ta' Mario Mallia vs il-Kunsill.

12.09. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa u l-Vici Sindku kellhom laqgha mal-membri tal-Kumitat tal-Ambjent. Il-kelliem qal li fil-laqgha kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ikompli jahdem fuq l-inizjattiva tan-nursery fi Triq Burma fejn kien hemm is-sigar taz-zebbug. Il-kelliem informa lill-Kunsill li fil-laqgha li jmiss ser titressaq talba ghad-devoluzzjoni ta' l-art.

12.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-laqgha mad-dilettanti tal-bocci ma saritx ghax hadd minnhom ma gie ghall-laqgha.

## 13. Mistoqsijiet.

13.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 14. Korrispondenza.

14.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-23 ta' Dicembru 2010 u t-23 ta' Frar 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/8013/10/I** 20/12/2010 Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn informaw lill-Kunsilll bl-iskema li ggib l-isem Rigenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern.

**46/0054/11/I** 04/01/2011 Memo 01/2011 - Linji ta' gwida dwar l-iskema ta' l-Awtorita' tad-Djar bl-isem Rigenerazzjoni f'Oqsma tal-Bini tal-Gvern.

**46/0686/11/I** 02/02/2011 Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn b'riferenza ghall-iskema 'Insahhu l-Komunita' Rigenerazzjoni f'Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern' informa lill-Kunsill li applikaw 31 Kunsill.

14.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8013/10/I, 46/0054/11/I u 46/0686/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan is-suggett ghandu jkun diskuss fl-laqgha ohra tal-Kunsill meta terga' tohrog it-tieni offerta u l-Kunsill ikun esperjenza x'gara minn dawk il-Kunsilli li ser jintghazlu.

**46/8058/10/I** 22/12/2010 Ittra minghand l-Adventure Camping Shop fejn talab permess mill-Kunsill sabiex bejn it-Tnejn 28 ta' Marzu u l-Hadd 8 ta' Mejju 2010 jorganizza l-fiera tal-kampijiet taht l-Ex Parade Ground.

14.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8058/10/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill m'ghandux isib oggezzjoni ghal din it-talba kif ukoll li peress li wara l-laqgha li saret mat-TM jidher li se jkun hemm xoghol ghaddej fil-post fejn jarma s-soltu, ghandu jinghata post alternattiv, ezempju l-picnic area, dejjem jekk dawn is-sinjuri jaccettaw.

14.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-sinjur baghat ittra ohra lill-Kunsill u talab li l-perjodu jkun bejn l-24 ta' Marzu u t-8 ta' Mejju. Il-kelliem qal li Kunsill ma jistax japprova li l-perjodu jkun t'aktar minn 40 gurnata.

14.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li din hija attivita' kummercjali u ghalhekk din il-kumpanija ghandha tikkontribwixxi finanzjarjament fuq l-uzu ta' art.

14.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fakkar lill-Kunsillieri li din il-kumpanija kienet tat kontribut lill-Kunsill fis-sentejn li ghaddew kull meta organizza l-attivita' f'Pembroke u kien ghalhekk li fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintalab laqgha mar-rapprezentant tal-kumpanija ghal nhar l-Erbgha 2 ta' Marzu fis-6.00pm.

14.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8060/10/I** 22/12/2010 Email minghand l-Overseas Rugby Union Football Club fejn qed jistaqsu lill-Kunsill jekk hux interessat li l-Overseas Rugby Club jkun jirraprezenta lill-lokal ta' Pembroke.

14.09. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8060/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-laqgha ma’ dawn is-sinjuri kienet intweriet ix-xewqa li l-klabb taghhom jirraprezenta lil Pembroke bhala ma’ Pembroke Athleta jirraprezenta lil Pembroke fil-qasam tal-football.

14.10. Fid-dawl ta’ dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill japprova l’issir laqgha ohra ma’ dan il-klabb biex jingabar aktar taghrif.

14.11. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0066/11/I** 05/01/2011 — Email minghand il-Pembroke Athleta fejn staqsew jekk il-Kunsill din is-sena huwiex ser jorganizza l-festival annwali ta' 19 ta' Marzu u jekk fil-pozittiv issuggerew li l-Kunsill jistieden 14 il-nursery fejn bejn wiehed u iehor jattendu 270 il-partecipant t’eta' under 8, 10, 12 u 13.

14.13. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0066/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jorganizza dan il-festival nhar is-Sibt 19 ta’ Marzu 2011 kif ukoll jitlob il-kollaborazzjoni tal-Pembroke Athleta FN sabiex isir il-ko-ordinament ta’ din l-attivita’. Il-kelliem ippropona li l-festival isir fil-facilitajiet tal-Pembroke Athleta Sports Club kif ukoll li kull partecipant jinghata tifkira ta’ l-okkazjoni bhal ma sar fl-edizzjonijiet precedenti. Il-kelliem ippropona ukoll li jkun hemm vot ta’ mhux aktar minn € 1,000.00 ghal din l-attivita’ bhal ma gara fis-snin li ghaddew.

14.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.15. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

14.16. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur.

14.17. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/0110/11/I** 07/01/2011 **46/0839/11/I** 11/02/2011 — Email minghand l-AIS Supplies fejn b'riferenza ghall-kwotazzjoni taghhom li kienet intghazlet tal-palm reader, staqsa jekk hux ser tigi nstallata.

14.18. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0110/11/I u 46/0839/11/I** qal li huwa jhoss li dan l-item m’ghandux jibqa’ prijorita’ ghall-Kunsill ghax il-flejjes li kienu ser jintefqu jistghu jintefqu ghall-affarijiet ohra ta’ prijorita’ ghall-Kunsill. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona biex il-mozzjoni biex jigi nstallat palm reader tigi mhassra.

14.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.20. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

14.21. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur.

14.22. Il-mozzjoni ghaddiet.

14.23. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li s-Sindku Joe Zammit qed jigi migbud bl-ispaga.

**46/0134/11/I** 10/01/2011 — Email minghand Ms. Cynthia Misokova mill-Ufficcju ta’ Dr. Chris Said fejn informat lill-Kunsill li l-applikazzjoni ghal Festa Gemellaggi 2011 giet accettata u baghtet kif ser ikun imfassal il-progett sabiex ninfurmaw lill-

partners barranin.

14.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0134/11/I** is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsilliera biex jattendu ghal din l-attivita' li ser issir nhar il-11 u 12 ta' April 2011.

**46/0135/11/I** 10/01/2011 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghat risposta ghall-email tal-Kunsill dwar il-gradi ta' l-iskrivani.

14.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0135/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-iskrivana Alison Micallef, b'effett mill-1 ta' Marzu 2011 tinghata promozzjoni biex minn Skala 13 titla' ghal Skala 11 u tibda wara l-ewwel increment sabiex tkun ftit aktar mis-salarju prezenti.

14.26. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.27. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

14.28. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur.

14.29. Il-mozzjoni ghaddiet.

14.30. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ma setghetx taqbel ma' din il-proposta minhabba li jsiru hafna zbalji u hadd ma jaghti kazhom. Il-kelliema talbet li d-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghandu jigi mitlub jinvestiga kif l-impjegati nkluz is-Segretarju Ezekuttiv inghataw il-full Performance Bonus inkluz ukoll kif il-Kunsill approva l-hinijiet tax-xoghol tas-Sajf. Il-kelliema rrimarkat li dan huwa kollu mismanagement ta' fondi pubblici.

14.31. Fuq talba tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u wara diversi kummenti li kien hemm, is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jistaqsi lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, kif u min jista' u min ghandu dritt u l-awtorita' li johrog Warning kemm lill-impjegati klerikali kif ukoll lis-Segretarju Ezekuttiv.

**46/0214/11/I** 13/01/2011 Ittra mingand l-Avvukat Rachael Bonello fejn qed tikteb f'isem is-sur Anthony Bonello ta' l-OPAL fejn b'riferenza ghat-tender 03/09 informat lill-Kunsill li s-Sur Bonello ma jikkunsidrax li t-tender huwa abbandunat u dan skond il-fatti li elenkat.

14.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0214/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ser tigi diskussa fil-laqgha li ser issir ma' l-Avukat tal-Kunsill.

**46/0273/11/I** 17/01/2011 Ittra minghand l-OPAL fejn b'riferenza ghall-Adventure Park f'Pembroke staqsew jekk il-Kunsill ghadux interessat f'dan il-progett minhabba li ma rcievew xejn.

14.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0273/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet idea li originat mill-Kunsill waqt diskussjoni favur ambjent ahjar u postijiet aktar ta' rikreazzjoni. Il-kelliem qal li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill mhux possibbli ghall-Kunsill li jattwa din l-idea u ghalhekk ippropona li l-OPAL ghandu jigi nfurmat b'dan.

14.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0274/11/I** Stima minghand il-MED Developers, Designers and Consultants Ltd. ta'

17/01/2011 €1,165.50 ghal dawl fil-passagg li hemm bejn Triq Jum Pembroke u Triq Sir Luigi Preziosi.

14.36. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0274/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li jekk jippermetti l-vot tad-dawl, dan ix-xoghol ghandu jsir wara li jitlesta x-xoghol ta’ Triq il-Kurunell Cocks.

14.37. Il-Kunsillier Lauro Fava talab li l-Kunsill jitlob rapport minghand il-Pulizija dwar liema siti fil-lokal fejn l-aktar ikun hemm fastidji minhabba li jkun mudlam u dan sabiex din l-informazzjoni tghin lill-Kunsill ikun jista’ jaghmel il-prijoritajiet tieghu.

14.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li fil-laqgha li jmiss jigi pprezentat rapport ta’ l-istimi pendenti li ghandu l-Kunsill.

14.39. Wara diskussjoni kien hemm qbil li d-decizjoni titiehed darb’ohra.

**46/0321/11/I** 18/01/2011 Ittra minghand is-Sur Charleston Attard fejn informa lill-Kunsill li qed jaghmel progett ta' Systems of Knowledge u talab iqatta' minimu ta' 6 sieghat gewwa l-Kunsill biex ikun familjari mas-sistemi tal-Kunsill.

14.40. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0321/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li wara l’ikkonsulta mas-Segretarju Ezekuttiv bhala l-Kap Amministrattiv tal-Kunsill kien ta struzzjonijiet biex it-talba tas-sur Attard tkun accettata. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirratifika dawn l-istruzzjonijiet.

14.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.43. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li bhala l-Kunsilliera responsabbli mill-Edukazzjoni ikun tajjeb li tkun taf biex bil-progett li jkun ser isir.

**46/0333/11/I** 18/01/2011 Kwotazzjoni minghand il-Golden Gate ghall-Karti A4 ghall-prezz ta' €15.26 VAT eskluza l-kaxxa.

**46/0360/11/I** 19/01/2011 Kwotazzjoni minghand l-OmniStat ghall-Karti A4 - 25 rizma ghall-prezz ta' €82.60 inkluz il-VAT.

**46/0410/11/O** 21/01/2011 Email lill-Kunsilliera fejn il-Kunsill talab gwida dwar it-tip ta' karta li se jordna l-Kunsill minhabba li dik li qed juza bhalissa qed taghmel hafna fluff u qed issir hsara lill-photocopier.

**46/0455/11/I** 24/11/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email li baghtna dwar xiri ta' karti nforma lill-Kunsill li hu jipproponi li l-karti jinxtraw minghand il-kumpanija OmniStat minhabba li huma orhos minn tal-Golden Gate.

14.44. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0333/11/I, 46/0360/11/I, 46/0410/11/O u 46/0455/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li wara konsultazzjoni mas-Segretarju Ezekuttiv u la darba s-Segretarju huwa legalment kustodju tal-assi tal-Kunsill, jekk it-tip ta’ karta ta’ l-Inserv skond it-technician tal-Konica qed taghmel il-hsara, din ghandha tinbidel u ghalhekk ippropona biex tintuza karta ahjar u fic-cirkostanzi ghalissa ghandha tintuza dik ta’ OmniStat minhabba li hija orhos sakemm tinhareg sejha fuq il-gurnali.

14.45. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0372/11/I** Email minghand is-St. David’s Welsh Society fejn baghat newsletter sabiex

19/01/2011 titqassam lill-membri tal-Welsh Society u nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta l-1 ta' Marzu 2011 ser isir is-St. David's Dinner.

14.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0372/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li huwa nfurmat li s-Sur Elfed Williams mhux possibbli li jkompli bhala President tal-Welsh Society minhabba ragunijiet ta' sahha. Il-kelliem qal li jidher ukoll li l-kumitat li kien hemm sfaxxa u ghalhekk s-sur Williams gie nfurmat li din il-materja ser tkun diskussa mill-Kunsill kif ukoll li ma kienetx ser titqassam in-newsletter kif mitlub.

14.48. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-membri tal-Kunsill li kienu membri fil-kumitat tal-Welsh Society ghandhom jirrizenjaw b'effett immedjat.

14.49. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.51. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat tat direzzjoni lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex il-materjal li kellha hija fl-ufficcju tal-Kunsilliera konness mal-Welsh Society, fejn irrimarkat li jekk il-Kunsill ma jitqammilx ghal telefonata, ghandu jsir kuntatt ma' l-Ex Vici Sindku Charles Bezzina biex tingabar.

**46/0398/11/I** 20/01/2011 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-permess ghall-kalata tal-bocci nformat lill-Kunsill li l-art li qed issir riferenza ghalija hija propjeta' tal-gvern u talbet il-kummenti tal-Kunsill ghala se jidhol ghal dawn l-ispejjez fuq propjeta' li m'hijiex tieghu kif ukoll li mhux delega principali tal-Kunsill li jidhol ghal dan ix-xoghol minghajr fondi.

**46/0505/11/I** 25/01/2011 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu risposta b'riferenza ghall-email li baghat is-Sindku dwar il-permess ghall-kalata tal-Bocci f'Pembroke.

**46/0536/11/I** 26/01/2011 Email li l-Kunsill baghat lis-Sinjura Gemma Debono mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-email taghha l-Kunsill infurmha li fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss se jirtiraw mill-progett tal-kalata tal-bocci.

14.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0398/11/I, 46/0505/11/I u 46/0536/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li wara li qies din il-materja kif specifikat fl-ittra tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, ippropona li l-Kunsill ihassar il-mozzjoni li kien approva l-Kunsill stess (Minuti 16/K5/2005 item 10.21) ghal dan il-progett u jibqa' jinsisti ma' l-Onor. Ministru George Pullicino biex dan il-pitch, eskluz il-facilitajiet ancillari, isir mill-Ministeru. Il-kelliem ippropona wkoll li l-membri dilettanti ghandhom jigu nfurmata b'dan.

14.53. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0413/11/I** 21/01/2011 Email minghand is-sur Marco Mifsud fejn talab biex isir shade mal-lampa numru W098 fi Triq F.X Caruana.

14.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0413/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

14.56. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0518/11/I** 25/01/2011 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar l-Ghaqda Anzjani Pembroke nformat lill-Kunsill li d-

Dipartiment ma jara xejn hazin li l-Kunsill joffri s-sala ghall-laqghat izda dwar stampar ta' madwar 1000 flyer din tammonta ghal donazzjoni u tmur kontra l-Art 63A.

14.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0518/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-informazzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0564/11/I** 27/01/2011 Ittra minghand l-Avvukat Alexia Farrugia Zrinzo ghan-nom tas-sur Philip Seguna fejn infurmat lill-Kunsill li skond il-kuntratt ghandu jsir revizjoni tal-prezz tal-fuel u kwindi l-kuntratt ghandu jigi aggustat b'dawn il-figuri sa minn Lulju 2010.

14.59. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0564/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova l-hlas dovut.

14.60. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0618/11/I** 28/01/2011 Email mill-WSC fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtna datata 18 ta' Mejju 2010 dwar xoghol li sar mill-WSC ghas-sena 2007 talbu biex naccettaw 45 jobs sabiex is-sezzjoni tal-finanzi jiffinalizzaw l-accounts.

14.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0618/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-proposta.

14.63. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

***14.65. Fit-8.15pm il-Kunsillier Lauro Fava talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

**46/0690/11/I** 02/02/2011 Email minghand l-Avukat Luciano Busuttil fejn informa lill-Kunsill li qabel iwiegeb lill-avukat ta' l-OPAL irid ikun jaf jekk il-Kunsill huwiex ser jaccetta li t-tender tkun minghajr garanzija jew jikkunsidrahx bhala nvalidu ladarba m'ghadx ghandu Garanzija Bankarja.

14.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0690/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-suggett ser jigi diskuss ma' l-Avukat tal-Kunsill.

**46/0691/11/I** 02/02/2011 Email minghand l-Avukat Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-kaz tal-hlas lill-Alternative Technologies informa lill-Kunsill li bhala hlas il-Kunsill irid ihallas dak li hemm fit-tender liema prezz jinkludi l-VAT u jekk l-Alternative ma jaccettawx il-pagament, il-Kunsill jiddepozita l-hlas il-Qorti.

14.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0691/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jibghat il-hlas dovut eskluz il-CM u l-Vat mitlub zejjed u jekk il-kumpanija ma taccettahx, il-hlas ghandu jigi depozitat il-Qorti.

14.68. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.69. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0698/11/I** 02/02/2011 Email minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi fejn baghtu l-Agenda tal-laqgha ta' LES li ser issir nhar it-Tlieta 8 ta' Frar fis-2.30pm u l-minuti tal-laqgha li saret fit-12 ta' Jannar 2011.

14.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0698/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

**46/0727/11/I** Email minghand il-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar fejn baghtu kopja tal-

03/02/2011 protest gudizzjarju li rcievew minghand l-Aurelia Enforcement Ltd.

**46/0742/11/I** 04/02/2011 Email minghand l-Avukat Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-protest gudizzjarju kontra l-Aurelia Enforcement informa lill-Kunsill li din hija affari serja u li l-ahjar li jiltaqa' mal-Kunsill.

14.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0727/11/I u 46/0742/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-suggett ser jigi diskuss ma' l-Avukat tal-Kunsill.

**46/0736/11/I** 04/02/2011 Site plans ta' kif inhu pjanat li jsir il-Park and Ride ta' Pembroke.

14.72. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0736/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

**46/0737/11/I** 04/02/2011 Booklit minghand il-Malta Standards Authority rigward is-Sigurta' fil-Playgrounds fil-lokalitajiet.

14.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0737/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

14.74. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kemm huwa kif ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kienu attendew ghat-tnedija ta' dawn l-istandards.

**46/0757/11/I** 07/02/2011 Email minghand il-librara Lara Calleja fejn informat lill-Kunsill li bejn is-6 u t-13 ta' Marzu se tkun imsiefra u talbet konferma sabiex tibda tinforma lill-persuni li juzaw il-librerija.

**46/0771/11/I** 07/02/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email li baghtet l-librara Lara Calleja nforma lill-Kunsill li ghandha dritt ghal time off u talab sabiex jigu nformata l-persuni li ghandhom jirritornaw il-kotba matul dik il-gimgha u ssir nota mal-bieb ta' librerja li matul dik l-gimgha l-librerija ser tkun maghluqa.

14.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0757/11/I u 46/0771/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba.

14.76. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li l-Kunsill ghandu jitlob lid-Dipartiment ghall-Libreriji Pubblici biex jekk huwa possibbli, sakemm Ms. Calleja tkun imsiefra, id-Dipartiment jibghat replacement.

14.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0760/11/I** 07/02/2011 Email minghand is-sur Robert Galea fejn informa lill-Kunsill jekk il-Kunsill hux interessat li jorganizza fitness classes fil-lokal.

14.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0760/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-sur Galea ghandu jigi nfurmat li s-sala tal-Kunsill mhux kbira bizzejjed biex takkomoda dan it-tip ta' taghlim.

14.79. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0770/11/I** 07/02/2011 Email mill-Kunsill Malti ghall-Isport fejn informaw lill-Kunsill li flimkien mal-Malta Cycling Federation qed jorganizzaw numru ta' bike rides fosthom wahda minnhom se tkun fil-31 ta' Lulju titlaq mill-Luxol u se tkun iddedikata ghall-memorja ta' Clifford Micallef.

14.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0770/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li f'attivitajiet bhal dawn, ladarba ser ikun qed jopera l-Park & Ride, min

japplika, ghalkemm il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni, ghandu jigu mitlub jikkomunika ma’ TM ghall-permess.

14.82. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0785/11/I** 08/02/2011 Ittra mill-Ghassa ta’ tas-Sliema fejn talbu sabiex isiru laqghat ma’ diversi oqsma tas-socjeta' li jissarfu ta' taghlim.

14.84. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0785/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova l’issir din il-laqgha.

14.85. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.86. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0788/11/I** 08/02/2011 Kwotazzjoni minghand Domestic Home Centre ghal 16 litres boiler ghall-prezz ta' €130.00 (avv. ta’ €8.13 ghal kull litre)

**46/0789/11/I** 08/02/2011 Kwotazzjoni minghand The Catering Centre ghal 18 litres boiler ghall-prezz ta' €159.30. (avv. ta’ €8.85 ghal kull litre)

14.87. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0788/11/I u 46/0789/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta’ Domestica Home Centre ghall-prezz ta’ €130.00 biex jinxtara boiler halli jibda jintuza fil-laqghat ghar-residenti li jkollu l-Kunsill minn zmien ghal zmien.

14.88. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.89. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0795/11/I** 08/02/2011 Email minghand il-Ford Modified Club fejn informa lill-Kunsill b’show tal-karozzi li jorganizzaw kull sena u talbu biex din is-sena juzaw l-Ex Parade Ground nhar id-29 ta' Mejju 2011.

14.90. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0795/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-Kunsill ghadu ma jafx jekk dawn ikunux jistghu jaghmlu uzu mill-Ex Parade Ground minhabba l-progett tal-Park & Ride u ghalhekk ippropona li dawn ghandhom jigu offruti li jaghmlu uzu mill-parking area li hemm biswit il-Pembroke Athleta Sports Ground.

14.91. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.92. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0808/11/I** 09/02/2011 Ittra minghand The Malta Experience fejn informaw lill-Kunsill bil-harga li jista’ jorganizza gewwa The Malta Experience.

14.93. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0808/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

**46/0813/11/I** 09/02/2011 Email minghand l-AKL fejn baghtu kopja ta' l-email li rcievew minghand is-sur Glenn Bugeja mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex il-Kunsilli jippartecipaw fl-Earth Hour 2011 nhar is-Sibt 26 ta' Marzu 2011 billi fit-8.30pm jintefa' d-dawl fil-lokal.

14.94. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0813/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke ghalkemm ghandu jiehu sehem f’din l-inizjattiva anke bhala membru tal-Covenant of Mayors, ma jarax kif jista’ jkun

prattiku li jintefa' d-dawl pubbliku fil-lokal nhar ta' Sibt filghaxija u ghalhekk qal li l-Kunsill ma jistax jippartecipa minhabba s-sigurta' fit-toroq tal-lokal.

14.95. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.96. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0847/11/I** 14/02/2011 Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 9 ta' Novembru 2010 fejn il-Kunsill talab biex isiru double yellow lines fi Triq Tunis informaw lill-Kunsill li approvaw li jsir single yellow line quddiem iz-zewg garaxxijiet li hemm skond is-site plan annessa.

14.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0847/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel dawn il-linji kif approvat minn TM.

14.98. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0857/11/I** 14/02/2011 Email minghand Elena Pflanz fejn talbet sabiex taghmel work phase mal-Kunsill bejn il-15 ta' Jannar u l-14 t'April 2012.

14.100. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0857/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

14.101. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.102. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0885/11/I** 15/02/2011 Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 29 ta' Ottubru 2010 dwar tabelli tal-hin fejn l-iskola nforma lill-Kunsill li d-Direttorat approvaw li jsiru t-tabelli li talab il-Kunsill basta minflok il-kliem Sajf u Xitwa jinkitbu d-dati minn meta sa meta ghas-Sajf u ghax-Xitwa.

**46/0917/11/I** 16/02/2011 Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill biex ir-residenti li joqghodu fl-akwata ta' l-iskola jinghataw pass informaw lill-Kunsill li t-talba ma tistax tigi milqugha minhabba raguni ta' sigurta'.

14.103. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0885/11/I u 46/0917/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn it-tabelli kienu diga gew ordnata. Il-kelliem qal li l-granet fuq it-tabelli saru wara konsultazzjoni li saret ma' l-iskola Primarja fejn il-Kunsill gie nfurmat li l-iskola tiftah l-aħħar gimgha ta' Settembru u ghalhekk sabiex ikun hemm data fissa, saret id-data tat-22 ta' Settembru li tigi l-ghada ta' festa pubblika. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirratifika din id-decizjoni.

14.104. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li jkun ghaqli li l-Kunsill jitlob laqgha mal-Pulizija kif issuggerit TM dwar il-possibilita' li r-residenti koncernata jinghataw pass biex ikunu jistghu jidhlu fil-hinijiet meta t-triq ser tkun maghluqa.

14.105. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0913/11/I** 15/02/2011 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 31 ta' Jannar 2011 dwar talba ghal self mill-bank informa lill-Kunsill li s-self irid jigi approvat mill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali b'konsultazzjoni mal-Ministeru tal-Finanzi.

14.106. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0913/11/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hafna mill-Banek qed jistaqsu jekk il-Kunsill huwiex ser jipprovdi xi forma ta' 'security' jew 'confort letter' abbazi ta' l-ammont li qed jitlob

li jissellef. Il-kelliem qal li dwar dan kien diga talab l-ghajnuna tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

14.107. Is-Sindku Joe Zammit qal li fid-dawl ta’ dan il-Kunsill ghandu jara kif ghandu jimxi ladarba jkun hemm risposta minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

14.108. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill fil-laqgha li jmiss ghandu jiddeciedi jkompliex jew le fuq il-progetti MED Strategy u OSDDT wara l-laqgha li ser issir nhar it-Tnejn 28 ta’ Frar mas-sur Lawrence Attard.

14.109. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.110. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0918/11/I** 16/02/2011 Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill datata 19 ta' Jannar 2011 biex isiru Pelican Crossing fi Triq Cassino informaw lill-Kunsill li pelican lights ma jistghux isiru skond il-counts li intbaghtu izda jistghu isiru belisha beacons, sinjali ta' ma' l-art u zebra crossing forma ta’ flat road hump.

14.111. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0918/11/I** is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsill li bl-affarijiet approvata m’huwa ser ikun hemm kwazi ebda tibdil ghall-iskola u dan minhabba l-fatt li l-Belisha Beacons matul il-gurnata jkunu mitfija filwaqt li flat top zebra crossing ma twaqqafx it-traffiku sakemm ma jasal ghaz-zebra crossing stess.

14.112. Fid-dawl ta’ dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob il-kummenti tal-Verdala International School biex tigi diskussa l-proposta u tibqa’ ssir insistenza ma’ TM biex jigu nstallati Pelican Lights u mhux Belisha Beacons.

14.113. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.114. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0927/11/I** 16/02/2011 Email minghand l-OPAL fejn informaw lill-Kunsill li waqt zjara li ghamlu fil-bandli ta' 4 ta' Lulju gie nnutat li seat ta' bandla minnhom gie vandalizzat u baghat kwotazzjoni ghall-istess tip ta' seat li jiswa €255 inkluz il-VAT.

14.115. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0927/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex qabel isiru xi spejjez f’dan il-gnien, il-Kunsill ghandu jistenna r-rapport tal-persuni mqabbda mill-Gvern li se jiklassifikaw il-playing fields f’Malta u Ghawdex.

14.116. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.117. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0946/11/I** 17/02/2011 Ittra minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-parkegg bejn dar numru 46 u 48 fi Triq il-Mons Alfredo Mifsud, wara spezzjoni li saret fuq il-post gie osservat li jrid issir 1 metre double yellow line fuq kull naha tal-garaxxijiet u l-bqija parkegg b'kaxxa bajda u jrid isir sa 15 il-gurnata mid-data ta’ l-ittra.

14.118. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0946/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel ix-xoghol kif approvat minn TM.

14.119. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.120. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0955/11/I** 17/02/2011 E-mail minghand Ms. Lindsay MacFarlane fejn informat lill-Kunsill li hija residenta u qed tistaqsi jekk il-Kunsill ghandux xi sala li jista’ jikrilha ghal 'bring & buy' sale ghall-komunita'.

14.121. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0955/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jinforma lis-sinjura li s-sala tal-Kunsill mhux kbira biex takkomoda din it-tip t’attivita’ kummercjali u jigi ssuggerit is-sala tal-Knisja.

14.122. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.123. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0995/11/I**
**46/0998/11/I** 21/02/2011 Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li baghtu TCTC fejn qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li jorganizza korsijiet bazici tal-kompjuter ghall-genituri, adulti nisa ta' dar u anzjani li jibdew minn Marzu sa Gunju u jekk irid il-Kunsill jista' jibqa' ghaddej bil-kors ETfal 2011 talbet biex titpogga fuq l-agenda tal-Kunsill ghad-diskussjoni minhabba li tixtieq li jsiru dawn it-tip ta' korsijiet.

14.124. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0995/11/I u 46/0998/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li aktar kmieni fil-laqgha diga kienet ittiehdet decizjoni fuq dan il-punt.

## 15. Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC.

15.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-korrispondenza 46/0698/11/I fejn qal li ghalissa l-Kumitat Regjonali ghad mhux qed jiffunzjona ufficjalment f’dak li ghandu x’jaqsam LES.

## 16. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

16.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ghal zmien il-Gimgha Mqaddsa, nhar Hamis ix-Xirka l-Kunsill ghandu jorganizza harga kulturali fejn issir zjara fir-Rabat (Malta), Hal-Qormi u Haz-Zebbug.

16.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

16.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 17. Tender tal-Handyman 01/2009 li jiskadi 28/02/2011.

17.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li t-tender 01/2009 li jiskadi fit-28 ta’ Frar 2011, jekk il-kuntrattur jaccetta, ghandu jigi mgedded ghall-perjodu ta’ sena ohra.

17.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

17.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 18. Estenzjoni tal-kuntratti ma’ GreenPak.

18.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kuntratti ma’ GreenPak ghandhom kollha jigu estizi ghall-perjodu ta’ sena ohra bil-possibilita’ li kollha jigu jaghlqu f’data wahda inkluz il-kuntratt li gie approvat fil-laqgha precedenti. **(Ara dokument V)**

18.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

18.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 19. Approvazzjoni tal-kontijiet.

19.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta’ pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument W u X)**

19.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kifipprezentata.

19.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

19.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

19.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet biex fejn hemm indikat l-Overtime ta’ l-impjegati, dan ghandu jigi ndikat li huwa ghax-xoghol ta’ nhar ta’ Sibt kif ukoll li jekk ikun hemm xi Overtime iehor ghandu jigi muri bhala Overtime normali. Il-kelliema talbet ukoll li l-Kunsill jibda jzomm rendikont tal-bolol li jintuzaw.

## 20. Materji ohra.

20.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Awtorita’ tad-Djar biex tikkunsidra li jinqaleb id-dhul u l-hrug tal-garaxxijiet ta’ Sit C u D minhabba li kif jinsabu huma perikoluzi ghal min ikun qed jaghmel uzu mill-bankini.

20.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

20.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet ghall-provvista u l-installazzjoni ta’ 2 imwejjed tal-picnic biex jitpoggew fuq il-haxix li hemm quddiem Trejqet Don Giovanni Miriti u Trejqet Patri Pelagju Mifsud.

20.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

20.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghmel laqgha mar-residenti ta’ Triq San Gorg Preca wara li kien hemm talba ta’ xi residenti li jixtiequ isebbhu quddiemhom billi jpoggu planters bil-pjanti.

20.08. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

20.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jirranga partijiet mill-bankina li hemm fi Triq FX Caruana biex tkun kumplimentari max-xoghol li kien sar mill-Onor. Ministru G. Pullicino. Il-kelliem qal li hemm partijiet li kienu gew irrangati mir-residenti li ma kienux ser jinbidlu.

20.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

20.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li kellha talba minn resident li xtaq li jaghmel rampa quddiem il-garaxx li minn fuq il-bankina taghti ghat-triq. Il-kelliema qalet li taf li dawn ir-rampi huma llegali izda qalet li hemm bzonn li jsir xi haga biex jew titiehed azzjoni u jitnehhew dawk illegali, jew li l-Kunsill ikun jista' ma jsibx oggezzjoni ghal min jitlob il-permess. Fid-dawl ta' dan il-kelliema pproponiet li l-Kunsill jitlob il-parir tekniku u direzzjoni ta' TM u l-MEPA kif ukoll li kopja ta' l-ittri jintbaghtu wkoll lill-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said.

20.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

20.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill li ladarba giet approvata l-Bye Law il-Kunsill jista' jibda jbiegh il-ktieb ippubblikat mill-Kunsill u ghalhekk talab direzzjoni ta' kemm ser ikun il-prezz mitlub. Il-kelliem informa lill-Kunsill li skond il-Bye Law jista' jsir profitt ta' 10%. **(Ara dok. Y)**

20.17. Wara diskussjoni, l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-prezz ghandu jkun ta' €2.50 kif ukoll li l-Kunsill ghandu jitlob il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern lokali biex tizdied €0.50 ohra, liema € 0.50 wara fl-ahhar tas-sena tinghata bhala donazzjoni lill-Malta Community Chest Fund. Il-kelliema qalet li jekk din it-talba tkun approvata l-ktieb jinbiegh € 3.00.

20.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

20.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.20. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2010 item 6.151, is-Sindku Joe Zammit ippropona li ladarba hemm l-approvazzjoni tal-Bye Laws, ghandhom isiru biljetti/ircevuta skond il-kwotazzjonijiet li kienu ngabru. (46/0505/10/I). **(Ara dok. Z)**

20.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

20.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.23. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fid-9.30pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 2 ta' Marzu u wara l-Erbgha 16 ta' Marzu 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |